# Is-Sea Scouts tal-Isla

Nixtieq nibda billi ngħid li l-iscouts ġewwa l-Isla jaf il-bidu tiegħu minn qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Nistgħu mmorru lura sal-1928 fejn, Joseph Stagno, kien diġà membru. Illum, iżda, xtaqt li aktar naraw dwar is-Sea Scouts tal-1954 fejn, fost leaders oħra, Joseph Stagno kien Group Scout Master.

Kien dan il-perjodu meta Joseph Stagno tela' minn Marsaxlokk u waqqaf is-Sea Scouts ġewwa l-Isla. Joseph kien imwieled fl-Isla iżda minħabba l-gwerra, fl-1940, huwa mar joqgħod ir-Rabat flimkien mal-familja tiegħu. Wara li spiċċat il-gwerra, huma marru joqogħdu Marsaxlokk fejn dam hemmekk sal-1954 u fl-istess sena reġà sabu ruħu ġewwa l-Isla li huwa tant kien iħobb.

Xi wħud mill-iscouters ta' dak iż-żmien, għadhom ħajjin. Kien proprju għalihom, kif ukoll għaż-żgħażagħ tal-lum li ma jiftakrux dan il-perjodu, li jien ħassejt li għandi nikteb dan it-tagħrif għall-interess tas-Sengleani kollha. Għalkemm jien minn Marsaxlokk, ħassejt l-obbligu li naqsam magħkom il-ftit tagħrif li għandi dwar l-iscouts tal-Isla. Dan qed nagħmlu forsi għaliex missieri kien l-iScout Master u forsi għax jien kont ngħix ġewwa l-Isla wkoll f'dak iż-żmien.

Jien kburi ngħid li din il-Belt tiġbidni. Mhux missieri biss huwa Senglean imma sal-bużbużnannu tiegħu twieldu fl-Isla. Għalkemm għandi xi ritratti ta' dawk iż-żgħażagħ li kienu scouters, nixtieq issa li nħejji video li jkun speċi



***Senglea Sea Scouts Group (Settembru 1954)***

- ***Fl-ewwel fillera minn fuq mix-xellug: Caruana Charles, Cassar Vince, Elison Charles (Drum Master), ___ , Esposito John (Patrol Leader), Caruana Charles.***
- ***Fit-tieni filliera minn fuq mix-xellug: Farrugia Charles, De Giovanni Victor, Catania Tommy, German Alfred, Salvatico Joseph, ___ , Stanicic John (Troop Leader), Schembri Joseph, Bugeja Freddie, Rizzo Joseph.***
- ***Fit-tielet filliera minn fuq mix-xellug: Sarsero Wally, Abela Joseph, Casha Danny (Patrol Leader), Stagno Joseph (Scout Master), Cassar Michael (Cub Leader), Azzopardi Joseph (Scout Leader), Micallef Joseph, Rizzo John.***
- ***Fir-raba' filliera cubs mix-xellug: ___ , ___ , Gelanza Walter, Lia Joseph, Bugeja Charles, Stagno Alfred, Azzopardi, ___ , Bugeja Charles, ___ , ___ , ___ .***
- ***L-aħħar filliera mix-xellug: Stagno John u Mizzi Lawrence.***



ta' dokumentarju dwar is-Sea Scouts tal-Isla. Għalhekk, jekk hemm xi persuna li tixtieq tgħini f'dan il-proġett nitlobha tikkuntattjani. Bil-ħsieb ta' dan il-proġett, qiegħed ukoll infittex ritratti ta' dak iż-żmien li semmejt, u forsi ta' aktar qabel.

Naħseb li hija ħasra li ħadd ma ħa l-inizjattiva li jerġa' jifforma Scout group ieħor fl-Isla. Nemmen li jeżistu nies li jixtiequ dan il-pass imma ma jafux minn fejn jibdew. Kulma huwa meħtieġ huma persuni adulti li għandhom paċenzja u dedikazzjoni, lesti jilbsu l-uniformi u jkunu leaders, kumitat u post fejn ikun jista' jiltaqa' l-grupp. Jien inħeġġeġ lil min hu nteressat ġenwinament sabiex ma jaqtax qalbu. Jien lest li nagħti l-għajnuna tiegħi.

*John Stagno*

***Kull sena, nhar it-8 ta' Settembru, wara li tintemm il-quddiesa solenni tal-festa, is-Sea Scouts tal-Isla kienu jorganizzaw Church Parade minn quddiem il-knisja ta' San Filippu tul Triq il-Vitorja sa quddiem il-knisja tal-Vitorja. Fit-8 ta' Settembru 1954, fi Pjazza Benedittu XV sar tberik ta' standard ġdid tas-Sea Scouts, liema standard ġie wara ppreżentat lil Joseph Stagno, Group Scout Master, mill-Ammirall tad-Dockyard***

